# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 161

KAZ NRU 214

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Christopher Borg

u

Villa Rosa Tourist Complex

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 14 ta' Marzu, 1984

Chairman: Tonio Portughese B.A.(Hons), M.A.

Il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet imsemmija giet riferita lit-Tribunal Industrijali b'ittra ta' l-24 ta' Awissu, 1982 mill-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali, taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976. It-Tribunal intalab jippronunzja ruhu dwar tkeccija li l-appellant stqarr li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm 8 seduti li fihom ghall-appellant deher is-Sur Ray Zammit, u ghall-kumpanija ta' Villa Rosa Tourist Complex deher is-Sur Tarcisio Vella, Deputy General Manager, assistit mis-Sur Ray Camilleri, Personnel Manager.

3. Statements of Case

L-appellant issottometta li fid-9 ta' Lulju, 1982 tkecca mill-impieg u bhala raguni nghatat "for opening machine and emptying money while on duty". Huwa talab biex jiddikkjara bhala ngusta r-raguni tat-tkeccija u jerga jinghata lura l-impieg bil-kundizzjonijiet u l-beneficcji li kien igawdi qabel it-tkeccija. L-appellant talab ukoll lit-Tribunal ihallsu d-danni likwidati li jammuntaw ghal elfejn, erba' mija u erbatax il-lira Maltin, erbgha u tmenin centezmu.

Il-Kumpanija sostniet li Christopher Borg ma weriex maturita' fuq ix-xoghol u agixxa b'mod irresponsabbli ghax approfitta ruhu billi ghamel sgass fi space invader machine.

.../2

4. Ix-xhieda

It-Tribunal sema x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, fosthom ta' l-appellant innifsu, tas-Sur Alfred Galea, Managing Director tal-Villa Rosa, u ghadd ta' impjegati ta' l-istess kumpless li tefghu dawl fuq il-kaz. Uhud mix-xhieda stqarrew li ma kienu jafu xejn dwar l-allegata serqa, filwaqt li ohrajn imressqin mill-Kumpanija, sostnew li Borg innifsu kien ammetta u talab klemenza biex ma jitkecchiex. Mhix ix-xhieda kollha tista' titqies bhala kredibbli u rilevanti, u f'dawn ic-cirkostanzi, it-Tribunal ibbaza l-valutazzjoni tieghu fuq il-mertu globali tal-kaz kif jidher mill-Kunsiderazzjonijiet Finali.

5. Sottomissjonijiet Finali

L-appellant issottometta li fl-isfond tax-xhieda li nstemghet, huwa fatt li l-akbar tort tal-Kumpanija Villa Rosa kienet in-nuqqas ta' serjeta' fl-investigazzjonijiet ta' l-allegata serqa. Peress li l-kaz ghandu akkuzi ta' natura kriminali, it-Tribunal gie mitlub japplika l-massimi fundamentali tal-procedura kriminali, u ghalhekk il-prova migjuba mill-employer trid tkun tali li ma thalli ebda dubju dettat mir-raguni f'mohh il-gudikant u fejn jezisti d-dubju ghadha tapplika l-massima li tiffavorixxi lil min sofra danni minhabba d-dubji. Barra minn hekk jekk tigi kkunsidrata esklussivament il-probabilita', ghandu jigi stabbilit li t-tkeccija kienet wahda ngusta.

L-appellant sostna li mix-xhieda mismugha, wiehed biss xehed li ra l-ispace machine sgassata, u dan kien is-Sur Tarcisio Vella, membru tal-Management. Punti ohra huma li mid-data ta' l-allegata serqa sal-jum li fih l-informazzjoni waslet ghand il-Managing Director, ghaddew mill-inqas disat ijiem u minkejja dan, hadd ma kien ghadu nduna li l-magna kienet sgassata, minkejja li tinsab f'post prominenti. L-anqas l-ex Maintenance and Night Manager, Gino Galea, il-bniedem li wassal ir-rapport ghand il-Managing Director, ma ndenja ruhu jara jekk ir-rapport kienx minnu.

Hemm inkonsistenzi serji dwar id-data ta' l-allegat reat. L-impjegat George Cortis, Night Porter, li skond Gino Galea kien hu li qallu dwar l-allegata serqa, jindika l-lejl ta' bejn il-Hadd u t-Tnejn bhala l-jum li fih seta jsehh l-incident, izda l-appellant tkecca fid-9 ta' Lulju li kienet il-Gimgha, meta Tarcisio Vella stqarr li l-allegata serqa sehhet fid-9 ta' Lulju.

L-appellant ghalhekk iddikkjara li l-kaz fih skarsezzi ta' provi kemm dwar il-fatt innifsu kif ukoll dwar il-kolpevolezza tieghu. Il-verzjoni ta' l-appellant ixxejjen it-tezi tal-Kumpanija ghax hi manifestament aktar genwina. L-investigazzjoni tal-Kumpanija zgur li ma tistghax titqies ragjonevoli, u ghalhekk giet ivvintata l-istorja ta' l-ammissjoni min-naha ta' l-appellant flimkien ma siehbu John Attard.

Il-Kumpanija zviluppat it-tezi taghha fuq il-kuncett li l-istess appellant ammetta l-htija tieghu quddiem il-Managing Director. Ir-reat fil-fatt sehh ghax hemm ammissjoni cara, u sehh fl-eqqel ta' l-istagun turistiku fi proprejeta' privata. L-appellant ghamel l-ammissjoni minn jeddu fil-kors ta' investigazzjoni ordnata u mmexxija mill-Managing Director, u ammetta mhux biss mas-Sur Alfred Galea, izda din l-istess ammissjoni tal-kolpevolezza giet ikkonfermata quddiem is-Sur Tarcisio Vella kif xehed l-istess Vella u Martin Agius, Assistant to the Accountant ma Villa Rosa.

Il-Kumpanija staqsiet jistax it-Tribunal jemmen ic-cahda ta' George Cortis, u jinjora ghal kollox l-istqarrija ta' Gino Galea li bbaza r-rapport tieghu fuq taghrif moghti lilu minn Cortis innifsu. Issemma wkoll li l-appellant seta' jaghmel xi vendikazzjoni lil min jikxfu. Il-kumpanija kompliet tistaqsi ghalfejn l-appellant qal lil siehbu John Attard, li mieghu kien akkuzat bl-istess reat, biex ma jghid xejn quddiem il-Managing Director halli jitkellem hu. Ghaliex l-appellant ghazel li jipprova joskura lill-Management? U ghalfejn ma marx talab il-protezzjoni ta' l-Employee Directors li ghandhom id-dmir skond ir-regolamenti li jitkellmu fuq il-Bord tad-Diretturi?

Fl-ahharnett il-Kumpanija semmiet id-diffikultajiet finanzjarji li kellha u l-mewg imqalleb li ghadha fih. Fl-isfond ta' dan kollu, it-Tribunal gie mistieden biex iqis id-difiza gusta u onesta tal-Kumpanija li ma kellha xejn kontra l-appellant talli tatu cans itejjeb il-qaghda tieghu.

6. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal

It-tezijiet konfliggenti ta' dan il-kaz kellhom jigu analizzati u valutati mhux biss fuq ix-xhieda, f'hafna aspetti mimlija lakuni u dellijiet oskuri, izda fuq il-kwadru globali tal-meriti industrijali tal-kwistjoni kollha.

Giet alimentata dilemma bejn George Cortis u Gino Galea li kkumplikat hafna l-kaz, u ghalhekk dahal aspett essenzjali ta' kredibilita'.

It-Tribunal ma setghax jikkunsidra xhieda okulari izda kien hemm tliet xhieda tal-Kumpanija li qalu li semghu lill-appellant jammetti. Mill-banda l-ohra pero' l-appellant cahad fix-xhieda tieghu li qatt ammetta li ggassa l-magna.

M'hemmx dubju li l-appellant kellu wkoll nuqqasijiet dixxiplinarji fosthom insuboridnazzjoni u negligenza waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Huwa minnu li t-Tribunal irid jara li t-tkeccija ta' impjegat jkollha kawza gusta u sufficjenti, u dan irid isir billi tittiehed in konsiderazzjoni l-istorja kollha tieghu, kif gie ttrattat mill-Kumpanija u x'relazzjonijiet kellu maghha.

Ma giex stabbilit li l-Kumpanija kellha ghalfejn tiddiskrimina kontrieh u tikkundannah bla gustifikazzjoni.

Dawn il-fatturi fundamentali fil-kwadru tal-konstatazzjoni li l-impjegat ghandu dmirijiet x'jaqdi u ghandu jaqdihom dejjem u bl-efficjenza mitluba minnu biex veramnet isehh l-izvilupp industrijali tal-pajjiz, it-Tribunal ma giex ikkonvincut bizzejjed li l-appellant gie vvittimizzat u b'hekk imkecci intenzjonalment.

.../5

AWARD

Bis-sahha ta' dawn l-aspetti msahha minn kunsiderazzjonijiet industrijali, it-Tribunal ma jistghax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Tonio Portughese
Chairman

Edw. F. Abela
A/Segretarju

Data: 14 ta' Marzu, 1984

ja